**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 10 ta' Mejju, 2019**

**Il-Pulizija**
**Spettur Anna Marie Xuereb**
**vs**
**Keith Rizzo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Keith Rizzo detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 788959M akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Settembru 2017 u fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5000) ghad-dannu tal-konjugi Taddeo sive Teddie u Anna Maria Busuttil, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat u l-istess haga giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu.

Semghat il-provi.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu waqt l-udjenza tallum stess.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt illi l-parti civili thallsu l-ammont kollu dovut lilhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah tmintax (18) –il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**

Graziella Abela
Deputat Registratur